MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 146/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Ersilia sive Alison Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ersilia sive Alison Gauci talli fl-ahhar tliet xhur ta' qabel it-22 ta' Settembru 1998:

(1) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-

Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga;

(2) fl-istess dati, zmien, hin u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorrizata li timmanifatura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod licenzjata mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga mmsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-lgi tordna lill-imsemmija Ersilia sive Alison Gauci thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap. 101, kif ukoll l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, sabet lill-imsemmija Ersilia sive Alison Gauci hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni, u kkundannathaa ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' €466 liema multa tista' tithallas b' rati ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mid-dasta tas-sentenza appellata u, fin-nuqqas

ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa u jekk ma tithallasx xi parti mill-multa din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 mhux imhallsin. L-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 ghax ma jidhirx illi l-esperti tqabbdu minhabba l-parti tal-kaz kontra taghha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Ersilia sive Alison Gauci pprezentat fil-21 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitha hatja u tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) ix-xiehda ta' George Bonello ma kellhiex titqies ammissibbli bhala prova u l-ammissjoni taghha tilledi d-dritt ta' smigh xieraq; (2) minghajr pregudizzju, l-ewwel Qorti waslet ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta' l-appellanti unikament fuq ix-xiehda ta' George Bonello, liema xiehda mhijiex attendibbli; (3) George Bonello qatt ma identifika l-persuna ta' l-appellanti bhala dik il-persuna li gahddietlu droga; (4) l-elementi kollha ta' l-ewwel imputazzjoni ma gewx ippruvati.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-ammissibilita` tax-xiehda ta' George Bonello. L-appellanti kienet diga` lmentat quddiem l-ewwel Qorti illi kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghha ghal smigh xieraq bazat fuq nuqqas tal-principju tal-*equality of arms* peress illi ma setghetx tikkontrolla effettivament ix-xiehda ta' George Bonello li tressaq biex jixhed quddiem l-ewwel Qorti disa' snin wara li kienet ittiehdet stqarrija guramentata tieghu. L-ewwel Qorti tat digriet fis-16 ta' Dicembru 2007 fejn cahdet it-talba ghal riferenza kostituzzjonali ghaliex mill-ezami li ghamlet sabet li t-talba kienet wahda frivola u vessatorja ai termini ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa, huwa minnu illi l-appellanti damet ma tressqet il-Qorti mill-prosekuzzjoni – ftit aktar minn tliet snin u nofs wara l-investigazzjoni tal-kaz. Pero` jirrizulta illi saru diversi seduti inutilment jew ghax l-appellanti ma kinitx notifikata jew minhabba mard, jew ghax ma kinitx assistita mill-avukat difensur, jew wara talba ta' l-avukat difensur jew mill-appellanti stess ghal differiment. Inoltre jirrizulta illi kien hemm diversi drabi fejn l-imsemmi George Bonello ma nstabx jew gie notifikat u ma deherx. Izda dak li kwazi kwazi qed tippretendi l-appellanti hu li meta l-Magistrat Inkwirenti semghet lil George Bonello bil-gurament, kellha tkun rapprezentata mid-difensur taghha sabiex b'hekk ikun hemm *equality of arms*. Naturalment dan ma jaghmilx sens peress illi f'dak l-istadju jkunu ghadhom qeghdin isiru l-investigazzjonijiet u m'hemm hadd akkuzat. Waqt il-process imbaghad id-difiza kellha kull opportunita` biex tikkontroezamina x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni, tipproduci xhieda in difesa, u taghmel is-sottomissjonijiet kollha opportuni. Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt illi taghmel referenza ghad-digriet imsemmi moghti mill-ewwel Qorti, tiddikjara li, kemm-il darba l-ewwel aggravju jista' jinftiehem bhala talba ghal riferenza kostituzzjonali, din it-talba hi frivola u vessatorja, u kemm-il darba t-talba hi biss ghall-isfilz tax-xiehda ta' George Bonello waqt l-inkjesta, din it-talba hi michuda.

L-aggravji l-ohra bazikament jirrikjedu apprezzament mil-gdid tal-provi. U l-prova principali tal-prosekuzzjoni kontra l-appellanti hi proprju l-istqarrija guramentata ta' George Bonello. F'dik l-istqarrija li ghamel lill-Pulizija fit-22 ta' Settembru 1998 u li fl-istess gurnata kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, George Bonello qal li kien ilu xi hmistax-il gurnata jixtri l-eroina minghand Massimo Caruana (li tressaq bhala ko-impuat ma' l-appellanti) u li kien xtara minghandu xi tlieta jew erba' darbiet. Mistoqsi jekk hux dejjem wahdu kien mar ibighlu d-droga, wiegeb li darba mar ma' tfajla li jismha Alison li d-droga newlithielu hi u l-flus ghaddihom lilha. Huwa gie muri ritratti ta' erba' guvintur li minnhom gharaf lil Massimo Caruana, u erba' ritratti ta' tfajliet li minnhom gharaf lil "Alison" bhala l-appellanti Alison Gauci.

Meta George Bonello xehed quddiem l-ewwel Qorti, mill-ewwel qal li ma jiftakar xejn dwar il-kaz. Inqratlu l-istqarrija izda kull ma seta' jikkonferma l-firma tieghu. Dettalji xejn. Lill-appellanti ma setax jaghrafha.

Issa, skond l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta: **"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, u kull xiehda moghtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament, u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."** L-ewwel Qorti fil-fatt dehrilha li kellha taccetta bhala veritjera l-istqarrija guramentata ta' George Bonello u qieset li l-mod kif xehed quddiemha ma kienx attendibbli.

Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, temmen illi l-ewwel Qorti setghet tasal ghal dik il-konkluzjoni, u cioe` illi f'okkazjoni minnhom meta George Bonello mar jixtri d-droga kien hemm prezenti l-appellanti ma' Massimo Caruana. Fejn il-Qorti ma taqbilx, wara li ezaminat sew il-provi kollha, hu li mill-istqarrija tieghu jirrizulta minghajr dubju ragonevoli li l-appellanti kienet konxja tal-fatt illi dak li "newlet" lil Bonello kienet effettivament droga. Mill-istqarrija jirrizulta illi George Bonello qal illi kien jixtri minghand Massimo Caruana – mhux minghand l-appellanti. Fl-okkazjoni li fiha jghid li l-appellanti newlitlu d-droga, ma jispjega xejn dwar l-ammont ta' droga li xtara, dwar kif kienet imgezwra, dwar id-daqs tal-pakkett – jekk kien pakkett – li jghid li newlitlu l-appellanti. Ma jsemmix kemm ghadda flus lill-appellanti. Minn fejn, tistaqsi l-Qorti, jirrizulta illi l-appellanti kienet taf x'kienet qed tnewwel lil Bonello? Ir-risposta hi semplici – <u>minn imkien</u>. George Bonello, jigi ribadit, qal li hu kien jixtri minghand il-guvni – li identifika bhala Massimo Caruana – u mhux minghand l-appellanti. Anke l-uzu tal-verb "newlithieli" minn George Bonello juri li hu li kellu x'jaqsam

kien ma’ Massimo Caruana u mhux ma’ l-appellanti. Il-prezenza ta’ l-appellanti f’karozza ma’ guvni li George Bonello jghid li kien qieghed jixtri d-droga minghandu ma tistax twassal lill-Qorti biex tassumi li l-appellanti kienet bil-fors taf x’kien qieghed jinnegozja dak il-guvni. Ghalhekk, u wara li din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni, ma tistax tehles mil-*lurking doubt* dwar jekk l-appellanti kellhiex ix-xjenza mehtiega biex setghet tinstab htija ta’ l-imputazzjonijet dedotti kontra taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta’ l-imputazzjonijet dedotti kontra taghha u b’hekk tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------